MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 44/2007/1

**Logo Tenent Kurunell Mario Schembri**
**u Maggur Pierre Vassallo**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru,**
**il-Ministru Responsabbli ghall-Gustizzja u l-Intern,**
**l-Avukat Generali, Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta’ Malta u b’digriet tas-17 ta’ Awwissu 2012 il-Qorti ordnat korrezzjoni**
**fis-sens li l-kliem l-Onorevoli Ministru responsabbli ghall-Gustizzja u l-Intern ghandu jaqra**
**Ministru Responsabbli ghall-Gustizzja, Djalogu u Familja**

**Preliminari**

1. Dawn huma appell principali interpost mir-rikorrenti, u appell incidentali maghmul mill-intimati, minn sentenza moghtija fis-17 ta' Gunju 2013 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha, li, wara li ddikjarat lill-intimati Onor.Prim Ministru, il-Ministru, u il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati m'humiex legittimi kontradittturi u ghalhekk illiberathom mill-osservanza tal-gudizzju, cahdet it-talbiet tar-rikorrenti.

2. Fir-rikors promotur ir-rikorrenti talbu li l-Qorti: tiddikjara li l-mod kif imxew fil-konfront taghhom in-National Security Authority u l-Kummissjonarju u l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta kisrulhom id-drittijiet taghhom ghas-smiegh xieraq kontemplat fl-Artikolu 39 [2] tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea [Kap.319]; thassar id-decizjoni li nghatat minn dawn l-awtoritajiet; tordna lill-istess awtoritajiet sabiex jaghtu l-opportunita` lir-rikorrenti jwiegbu ghal kwalsiasi ilment li hemm kontra taghhom u taghtihom il-fakulta` li jiddefendu lilhom infushom; u tordna li l-intimati jhallsu d-danni li sofrew ir-rikorrenti.

**Il-Mertu**

3. Dan il-kaz jittratta dwar allegazzjoni tar-rikorrenti ta' ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq kontemplat fl-artikoli precitati fil-konfront taghhom da parti tal-intimati.

4. Fis-succint jinghad li principalment l-ilment tar-rikorrenti huwa li dawn ma naghtawx opportunita` li jsemmghu lehenhom meta l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati kif ukoll il-Prim Ministru hadu d-decizjoni li jestendu l-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/264 tal-Unjoni Ewropea ghal promozzjonijiet fl-Armata; kif ukoll ma nghatawx l-opportunita` li jinstemghu qabel ma ttiehdu d-decizjonijiet min-*National Security Authority,* u mill-Kummissjonarju, li ma tohrogx *security clearance* fil-konfront taghhom.

5. Fir-rikors tal-appell taghhom ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti thassar l-imsemmija sentenza u tilqa' t-talbiet taghhom bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

6. Min-naha taghhom l-intimati, fir-risposta taghhom, talbu li, ghar-ragunijiet hemm indikati, l-appell tar-rikorrenti jigi michud. Inoltre, huma prezentaw appell incidentali fejn talbu li s-sentenza appellata tigi revokata fejn sabet li *"l-Avukat Generali kien il-legittimu kontradittur tal-azzjoni odjerna tar-rikorrenti, u fejn sabet li quddiem l-awtorita` tas-sigurta` u quddiem il-Kummissjonarju kien qed jigi determinat jedd civili"* fis-sens tal-artikoli precitati, u talbu li l-istess sentenza tigi riformata f'dan is-sens; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

**<u>Il-Fatti</u>**

7. Il-fatti kif rapportati fir-rikors promotur huma s-segwenti:
"1. Ir-rikorrent Maggur Pierre Vassallo kien eligibbli ghall-promozzjoni fl-Armata li ma nghatatlux fis-17 ta' Ottubru 2006. Inoltre huwa tilef l-appointment tieghu bhala S01 Logistics, inkarigat mix-xiri u kuntratti tal-Forzi Armati ta' Malta;

"2. Ir-rikorrent Logo Tenent Kurunell Mario Schembri tnehhilu l-appointment tieghu fis-sens li kien jokkupa l-kariga ta' S01 Personnel u Administration u Commander Officer AFM (HQ), Chairman Bord tat-tenders tal-AFM, PRO ta' l-AFM u ohrajn.

"3. Ir-rikorrenti gew informati li tilfu l-appointments taghhom ghaliex ma kienux security cleared min-National Security Authority, u ma nghataw l-ebda raguni ghalfejn.

"4. Ir-rikorrenti kitbu lill-Kummissarju mahtur skont l-Artikolu 12 tal-Kap. 319. L-ilment taghhom kien li gew imcahhdin mid-dritt ghal smiegh xieraq quddiem l-awtorita` gudikanti peress li ma nghatawx opportunita` li jinstemghu, jiddefendu lilhom infushom u li l-ilment taghhom gie michud b'semplici ittra.

“5. Ghalhekk ma nghatawx smiegh xieraq kif jikkontempla l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

“6. In-National Security Authority u l-Kummissarju huma awtorita` gudikanti.”

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

8. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha li tichad it-talbiet tar-rikorrenti wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
1. “L-ilment tar-rikorrenti hu li l-ittra li ntbaghatet lir-rikorrenti mill-Kummissjunarju taht l-Att dwar is-Servizz ta’ Sigurta` (Kap. 391) fejn gharrafhom li l-ilment taghhom ma kienx qieghed jigi milqugh, jikkostitwixxi ksur ta’ smiegh xieraq ghaliex *“….. ma inghatawx opportunita` li jinstemghu, jiddefendu lilhom infushom u li l-ilment taghhom gie michud b’sempliciment ittra fejn gie mgharraf lilhom li xejn favur taghhom ma gie stabbilit.”*. Mir-rikors hu evidenti li r-rikorrenti m’humiex qeghdin jilmentaw li xi provvediment tal-Kap. 391 tikser id-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq, izda qeghdin jilmentaw mill-agir tan-National Security Authority, Kummissjunarju u tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati. Ghalkemm fin-nota ta’ sottomissjonijiet li pprezenta r-rikorrent Vassallo saru allegazzjonijet dwar x’kienet ir-raguni ghalfejn ma giex security cleared, dan johrog ‘il barra mill-parametri tal-azzjoni kif proposta.

2. “Bhala membru fl-Unjoni Ewropeja Malta kellha tigi konformi ma’ *Security Regulations* addottati b’decizjoni tal-Kunsill 2001/264/EC, u li titratta dwar l-uzu ta’ informazzjoni klassifikata tal-Unjoni Ewropeja. Jirrizulta li l-kuncett kien gie addottat ukoll fis-servizz pubbliku ghal dak li jirrigwarda access ghall-informazzjoni tal-Gvern li hi klassifikata[1]. Ghal dik li hi l-procedura biex jinghata *security clearance*, Il-Brigadier tal-Forzi Armati xehed:

[1] Ara ittra datata 18 ta’ Ottubru 2004 u mibghuta lis-Segretarji Permanenti, Diretturi Generali u Direttur u Kapijiet ta’ Segretarjati fil-Ministeri (fol. 4721).

*"Dwar il-process li bih persuna tikseb dan is-security clearance, jiena nghid li fil-kaz tal-armata, l-Kap Kmandant jinnomina dawk il-membri regolari li jenhtiegilhom c-certifikat tas-security clearance. Din in-nomina tghaddi ghand is-Segretarju Permanenti li imbaghad iressaq talba bil-miktub lin-National Security Accreditation Authority (NSAA), li min-naha taghha titlob lin-National Security Authority (NSA) biex tezamina l-idonjeta' tal-individwu li jkun gie nominat. Wara li l-NSA taghmel l-istharrig tagha hija tghaddi l-assessment taghha lil NSAA, flimkien ma' rakkomandazzjonijiet ta' jekk ghandux jinhareg ic-certifikat lill-persuna nominata jew le.*

*"Il-kriterji abbinati ma' dan it-tip ta' certifikazzjoni huma esklussivament dawk imhaddma mill-istess awtorita`. Huwa importanti wkoll li jigi enfasizzat illi l-Kmandant tal-Forzi Armati ma jkunx involut fl-assessment mwettaq mill-NSA li fl-ahhar iwassal ghall-hrug tas-security clearance certificate. Lanqas ma jigi b'xi mod ikkonsultat. Tassew, l-uniku rwol li ghandu l-Kap Kmandant f'dan ir-rigward huwa limitat ghan-nomini ta' dawk il-membri regolari li jkollhom il-bzonn tac-certifikat.*

*"Meta jigi komplut il-process min-naha tal-NSA u l-NSAA, l-Armata tkun informata jekk l-individwu kkoncernat ikun gie security cleared jew le. L-ebda raguni ma tigi kkomunikata fil-kaz illi membru regolari ma jigix security cleared."* (fol. 465).

3. "Jirrizulta li:-

(a) "wiehed mill-kriterji biex ufficjal tal-Forzi Armati jinghata promozzjoni f'certu ranks hi li jigi *security cleared*[2]. Fosthom minn Maggur ghal Logtenent Kurunell u minn Logotenent Kurunell ghall-Kurunell.

[2] Wara li gie awtorizzat process ta' promozzjonijiet fil-Forzi Armati, permezz ta' ittra tal-1 ta' Gunju 2006 (fol. 369) il-Kap Kmandat kien gie nfurmat mill-Ufficcju tal-Prim'Ministru li l-promozzjoni ghal Logotenent Kurunell kellha tkun soggetta ghal certu kondizzjonijiet dikjarati f'Memorandum (fol. 371). Wahda minnhom kienet *"It is also essential that for a Major to be considered for promotion to Lt Col he or she should satisfy the requirements to hold a National Security clearance certificate at Secret Level."*. Fl-istess Memorandum jinghad li *"It is to be understood that the Security Clearance for Lt Col is to be at Secret level whilst for*

(b) “Min ma jigix *security cleared* izomm ir-rank li jkollu b’dan li jitlef dawk l-appointments li fil-kors ta’ qadi ta’ dmirijiet ikun hemm access ghall-materjal klassifikat.
(c) “il-kriterju ta’ *security clearance* dahal fis-sehh fl-2006;
(d) “certifikat ta’ *security clearance* jibqa’ validu ghall-perjodu ta’ 3 snin;
(e) “F’kaz ta’ promozzjonijiet it-talba kienet issir mill-Brigadier. Sussegwentement inbidlet il-procedura, fis-sens li min ma jatix il-kunsens biex jinghata *security clearance* jitqies li m’huwiex interessat ghall-promozzjoni.
(f) “Mis-sena 2006 sal-ahhar ta’ Novembru 2011 kien hemm erbgha drabi li nghataw promozzjonijiet minn Maggur ghal Logotenent Kurunell, filwaqt li kien hemm darbtejn li nghataw promozzjonijiet minn Logotenent Kurunell ghal Kurunell.
(g) “Minhabba li r-rikorrenti ma nghatawx *security clearance*, il-Logotenent Kurunell Vassallo tnehhewlu l-*appointments* ta’ Commanding Officer u Staff Officer 1 Personnel and Administration, filwaqt li l-Maggur Vassallo tnehhielu l-*appointment* ta’ Staff Officer 1 Logistics u sar Second in Command 1st Regiment AFM.
(h) “B’effett mis-7 ta’ Ottubru 2011 ir-rikorrent Schembri irtira mill-Forzi Armati wara l-approvazzjoni tal-President ta’ Malta[3].

4. “F’ittra datata 11 ta’ Ottubru 2002 (fol. 68), il-Brigadier Montanaro kien ippropona lis-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim’Ministru li r-rikorrent Vassallo jinghata r-rank ta’ Lieutant Colonel mal-Forzi Armati b’effett mill-1 ta’ Novembru 2002. Kariga li baqa’ qatt ma nghata. Fl-1 ta’ Marzu 1996 kien inghata r-rank ta’ Maggur. Kien matul is-sena 2006 li r-rikorrenti gew infurmati li ma kienux *security cleared*. Ir-rikorrent Vassallo ressaq ilment quddiem il-Kummissjunarju mahtur

---

*Colonels and above this should be at Top Secret Level.”* (fol. 373). Ghal dak li jikkoncerna promozzjonijiet fil-Forzi Armati hemm Ligi Sussidjarja 220.03 (Avviz Legali 139 tal-1991) ***Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forzi Armati ta’ Malta***. Jidher li l-Ufficcju tal-Prim’Ministru impona li fir-rigward tal-aspett ta’ *“efficjenza”,* li skont ir-regolamenti hu wiehed mill-kriterji ghall-ghoti ta’ promozzjonijiet, dan ikun ifisser ukoll *security clearance* ghal certu ranks.

[3] Avviz Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta’ Settembru 2011 (fol. 460).

taht l-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta` (Kap. 391). B'ittra datata 10 ta' April 2007 (fol. 105) il-Kummissjunarju nfurmah:*"ghandi navzak li ma stabbilejt xejn favur tieghek fuq l-ilment tieghek kif imfisser lili fl-ittra tat-8 ta' Frar, 2007"*. Min-naha tar-rikorrent Schembri kien ilmenta mal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati, li kien infurmah li ma giex *security cleared* u li ma kienx jaf ir-raguni ghalfejn. F'ittra mibghuta lill-Kap Kmandant, datata 30 ta' Ottubru 2006 (fol. 43), ir-rikorrent osserva: *"After serving in the Officer Corps of the Armed Forces of Malta for 21 years, eight of which as Staff Officer 1 Personnel and Administrative Matters at HQ AFM, Commanding Officer HQ AFM/Camp Commandant, AFM PRO, Data Protection Officer, Chairman of the AFM Tenders Adjudicating Board and Liasion Officer to the Office of the Ombudsman, I cannot understand why I have failed this security clearance."*. Madankollu baqa' minghajr sodisfazzjoni u b'ittra datata 3 ta' Novembru 2006 (fol. 44) il-Kap Kmandant infurmah *"I have nothing to add except that I confirm what I told you at the afore-mentioned meeting."*. Ir-rikorrent Schembri lmenta wkoll mal-Kummisjunarju, li b'ittra datata 10 ta' April 2007 (Dok. MS11 fol. 51) tah l-istess twegiba li kien ta lir-rikorrent Vassallo. Ir-rikorrenti baqghu qatt ma nghataw raguni ghalfejn ma gewx *security cleared*.

5. "L-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta` (Kap. 391) jipprovdi li ghandu jkompli jkun hemm Servizz tas-Sigurta` taht l-awtorita` tal-Ministru li jigi specifikat mill-Prim'Ministru (Artikolu 4). Jirrizulta li f'Malta s-*security screening* ta' impjegati tas-servizz pubbliku u fil-Forzi Armati jsir mis-Servizz tas-Sigurta. Skont l-istess ligi persuni ghandhom dritt li jilmentaw quddiem Kummissjunarju li jinhatar mill-Prim'Ministru u li fil-qadi tad-dmirijiet tieghu jgawdi mill-indipendenza tal-ezekuttiv (Artikolu 12(3)(b) tal-Kap. 391).

"Fil-kawza **Cecil Pace vs l-Onorevoli Prim Ministru et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Dicembru 1997, gie osservat:-

*"Tribunal jew, kif grafikament espress fil-Kostituzzjoni awtorita` gudikanti imwaqqaf b'ligi biex ikun jista'*

*jikkwalifika bhala tali jehtieg li jkun karatterizzat bil-fatt li jkun korp b'funzjoni gudizzjarja bil-fakolta' li jiddetermina u jiddeciedi materji li skont dik il-ligi jaqghu fil-kompetenza tieghu. Hu korp li jehtieg li jipprocedi skont ir-regoli precizi u ben stabbiliti fil-ligi li tikkostitwih u li jiddeciedi skont dawk ir-regoli. Ghandu jkollu l-poter li jorbot lill-partijiet li jidhru quddiemu in kontestazzjoni w id-decizjoni tieghu jehtieg allura li jkollha effett vinkolanti anke jekk mhux necessarjament ikun jifforma parti mill-istruttura gudizzjarja ordinarja pero` jrid jinkorpora fih dawk il-karatteristici fondamentali assocjati mal-process gudizzjarju li jkunu jiggarantixxu smiegh xieraq fosthom dak il-minimu ta' indipendenza w imparzjalita` essenzjali biex juru li mhux biss il-gustizzja tkun qed issir sewwa u kif mistenni imma li jkun hemm jidher fid-dieher li hekk ikun qed isir."*.

7. "Min-naha tal-intimati jsostnu li l-ezercizzju li sar ma kienx jinvolvi *"determination of civil rights and obligations"* (ara paragrafu 69-81 tan-nota). Fil-kaz Ringeisen vs Austria (App. 2614/65), il-Qorti qalet:

*"For Article 6, paragraph (1), to be applicable to a case (contestation) it is not necessary that both parties to the proceedings should be private persons, which is the view of the majority of the Commission and the Government. The wording of Article 6, paragraph (1) is far wider; the French expression 'contestations sur (des) droits et obligations de caractere civil* ***covers all proceedings the result of which is decisive for private rights and obligations****. The English text, 'determination of …. Civil rights and obligations', confirms this interpretation."*.

"Ir-rikorrenti kienu ilhom snin twal jaghtu servizz fil-Forzi Armati b'*appointments* li jgorru maghhom diversi responsabbiltajiet. Ma tressqet l-ebda prova u wisq inqas saret xi allegazzjoni li fil-qadi ta' dmirijiethom ir-rikorrenti ma kienux kompetenti. B'kollox kien hemm hamsa u ghoxrin (25) ufficjal li sarilhom l-ezercizzju biex jigu *security cleared*. Kienu biss ir-rikorrenti li ma gewx *security cleared*. Ghall-Qorti hu evidenti li l-uniku raguni ghalfejn ir-rikorrenti ma nghatawx il-promozzjoni, bhal

shabhom, kienet minhabba li ma gewx *security cleared*. L-intimati ma semmew l-ebda raguni ohra li setghet wasslet biex ir-rikorrenti ma jinghatawx il-promozzjoni u dan minkejja li l-intimati jinsistu li l-promozzjoni m'huwiex xi dritt awtomatiku. Il-Qorti m'ghandix dubju li kif hadu promozzjon 25 ufficjal, hekk ukoll kienu jiehdu l-promozzjoni r-rikorrenti kieku gew *security cleared*. L-ittra tal-Kap Kmandat lir-rikorrent Vassallo tat-3 ta' Novembru 2006 (fol. 92) tikonferma, *"…. I would like to advise you that you have recently not been security cleared up to Secret level by the National Security Authority. In view of this development, no consideration for further promotion could be given in your respect."*[4]. Ghaldaqstant, id-decizjoni li ma jigux *security cleared* kellha konsegwenzi fuq il-karriera tar-rikorrenti fil-Forzi Armati, kemm mill-aspett ta' promozzjoni u wkoll dmirijiet li jwettqu. Altru milli r-rikorrenti gew milquta fid-drittijiet civili taghhom bid-decizjoni li ma jigux *security cleared*.

"Il-Qorti hadet nota tal-gurisprudenza li saret riferenza ghaliha mill-intimati. Madankollu fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja (Grand Chamber) fil-kaz **Eskelinen v Finland** (2007) osservat li Stat jista' jargumenta li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma japplikax f'kaz relatat ma' impjieg fis-servizz pubbliku, jekk zewg kundizzjonijiet isehhu[5]:-

---

[4] Fit-twegiba (fol. 12) l-intimati ddikjaraw *"Pierre Vassallo ma kienx security cleared u ghalhekk ma kienx eligibbli ghal promozzjoni."*.

[5] *"To recapitulate, in order for the respondent State to be able to rely before the Court on the applicant's status as a civil servant in excluding the protection embodied in Art.6, two conditions must be fulfilled. First the State in its national law must have expressly excluded access to a court for the post or category of staff in question. Secondly, the exclusion must be justified on objective grounds in the State's interest. The mere fact that the applicant is in a sector or department which participates in the exercise of power conferred by public law is not itself decisive. In order for the exclusion to be justified, it is not enough for the State to establish that the civil servant in question participates in the exercise of public power or that there exists, to use the words of the Court in the Pellegrin judgment, a 'special bond of trust and loyalty' between the civil servant and the State, as employer. It is also for the State to show that the subject matter of the dispute in issue is related to the exercise of state power or that it has called into question the special bond. Thus there can in principle be no justification for the exclusion from the guarantees of ordinary labour disputes, such as those relating to salaries, allowances or similar entitlements, on the basis of the special nature of relationship between the particular civil servant and the State in question. There will, in effect, be a presumption that Art.6 applies. It will be for the respondent Government to demonstrate, first that a civil servant applicant does*

(a) "Fil-ligi jkun gie espressament eskluz l-opportunita` li l-impjegat f'kariga partikolari ikollu access ghall-Qorti[6].

(b) "L-eskluzjoni trid tkun gustifikata minhabba ragunijiet oggettivi fl-interess tal-Istat[7].

"F'dan il-kaz ma saret l-ebda riferenza ghal disposizzjoni ta' ligi li tipprojbixxi lir-rikorrenti milli jkollhom access lill-Qorti. Ghalhekk m'ghandux mis-sewwa l-argument tar-rikorrenti li l-Artikolu 6 ma japplikax fir-rigward ta' impjieg mac-civil jew mal-Forzi Armati.

8. "Ghal dak li jikkoncerna l-ilmenti tar-rikorrenti l-Qorti hi tal-fehma li:-

i. "L-Artikolu 181(A)(2) tal-Kap. 12 jipprovdi li *"L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jiġu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad- dipartimenti l-ohra tal-Gvern."*. Strettament f'dan il-kaz il-Qorti ma tarax li m'huwiex legittimu kontradittur meta tqies li jidher li gie mharrek bhala r-rapprezentant tal-Gvern ta' Malta.

ii. "Is-Servizz ta' Sigurta` m'huwiex tribunal jew awtorita` gudikanti. L-operazzjoni taghha taqa' taht ir-responsabbilta' tal-Ministru nkarigat minnha mill-Prim'Ministru u m'hijiex indipendenti mill-ezekuttiv. Il-Qorti fehemet li dan is-Servizz jaghmel rakkomandazzjoni dwar jekk ghandux jinghata certifikat ta' *security clearance* fir-rigward ta' persuna, u liema certifikat jinghata min-National Security Accreditation Authority (NSAA) li jidher li taqa' taht ir-responsabbilta' tal-Kabinett.

iii. Mill-provi hu evidenti li l-Kap Kmandat tal-Forzi Armati ta' Malta ma kellu l-ebda involviment fil-process ta'

---

*not have a right of access to a court under national law and, secondly, that the exclusion of the rights under Art.6 for the civil servant is justified."*.

[6] Dan il-kriterju kien zvilupp minn dak li nghad fis-sentenza **Pellegrin v France** (1999) fejn inghad li l-Artikolu 6 ma japplikax f'dawk il-kazijiet fejn *"special bond of trust and loyalty"* jezisti bejn l-ufficjal pubbliku u l-Istat, il-principal.

[7] Ara wkoll **Sukut v Turkey** (2007) fejn suldat kien ilmenta mill-fatt li ma setax jikkontesta decizjoni tal-militar li jitkecca mis-servizz minhabba ragunijiet ta' dixxiplina. Il-qorti kkonfermat l-insenjament fil-kaz ta' Vilho Eskelinen ghalkemm ikkonkludiet li l-Artikolu 6 ma kienx japplika ghaliex iz-zewg kundizzjonijiet fuq imsemmija kienu sodisfatti.

*security clearance* tar-rikorrenti. Anzi rrizulta li permezz ta' ittra datata 23 ta' Awissu 2006 kien is-Segretarju Parlamentari fl-Ufficcju tal-Prim'Ministru li gharraf lill-Kap Kmandant li ma kenitx inghatat *security clearance* filwaqt li nghatat fir-rigward ta' ohrajn. Fl-ittra ma tissemmix raguni ghalfejn is-*security clearance* ma nghatatx. Ghaldaqstant m'huwiex legittimu kontradittur.

iv. "Ghal dak li jikkoncerna l-Prim'Ministru u l-Ministru dawn certament li ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-ilment kif propost mir-rikorrenti u bazat fuq l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Dawn huma parti mill-ezekuttiv u fil-qadi tad-dmirijiethom ma jaqdu l-ebda funzjoni ta' awtorita gudikanti jew tribunal. Ghalhekk ukoll m'humiex legittimi kontradittur i.

v. "Il-Kummisjunarju, kariga kontemplata fil-Kap. 391, m'huwiex parti ghal dawn il-proceduri. Minn qari tal-ligi jidher li:-

(a) "Fil-qadi tad-dmirijiet tieghu m'huwiex soggett ghall-indhil mill-ezekuttiv;

(b) "Fid-determinazzjoni tal-ilmenti m'ghandux jaghti ragunijiet lill-min iressaq l-ilment.

(c) "Ghandu l-awtorita` jinvestiga ilmenti li jkunu dwar affarijiet li jissemmew fl-Ewwel Skeda tal-Att. Ghalkemm fl-ewwel paragrafu jinghad li kull *"Kull min ihoss ruhu aggravat b'xi ghemil li jahseb li s-Servizz ta' Sigurta` jkun ghamel ghar-rigward tieghu jew ta' xi proprjeta' tieghu jista' jressaq ilment quddiem il-Kummissjunarju"*, ma jinghadx x'jigri f'kazijiet simili ghal dak in ezami. Ma jidhirx li l-Kummissjunarju ghandu l-gurisdizzjoni li jaqleb il-fehma tas-Servizz ta' Sigurta` li persuna ma tinghatax *security clearance*. Il-poter tal-Kummissjunarju li jiehu certu decizjonijiet hu limitat ghall-kazijiet li jissemmew fl-Iskeda, cjoe' dawk kontemplati fil-paragrafu 2 u 3:-

- "Dwar jekk is-Servizz ta' Sigurta` kellux ragunijiet sufficjenti li jigbor jew jaghti informazzjoni fir-rigward ta' azzjoni jew intenzjonijiet ta' min jilmenta (Paragrafu 2);
- "Mandat ikunx hareg taht l-Artikolu 6 tal-Att (Paragrafu 3(1)(a));
- "Tkunx inghatat l-awtorizazzjoni tal-Artikolu 9 tal-Att (Paragrafu 3(1)(b));"

"F'kazijiet ohra, bhal dak in ezami, ma jidhirx li ghandu l-awtorita` li jaghti *binding decisions*. Dan iwassal lill-Qorti biex tikkonkludi li l-Kummissjnunarju m'huwiex awtorita` gudikanti jew tribunal kif kontemplat fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

9. "Il-Qorti tikkonludi billi tosserva li r-rifjut tal-hrug ta' certifikat ta' *security clearance* ma jfissirx li d-decizjoni ma setatx tigi kontestata fi proceduri ohra li ma jkunux ta' dan it-tip."

**L-Appell Prinicpali**

9. Ir-rikorrenti qed jibbazaw l-appell taghhom fuq erba' aggravji: [1] li huma ma jaqblux mar-ragunament tal-ewwel Qorti li s-Servizz ta' Sigurta` ["is-Servizz][8] u l-Kummissjonarju ma jistghux jitqiesu bhala tribunal; [2] li ma kienx hemm ghalfejn jitharrek il-Kummissjonarju peress li ghall-pozizzjoni tieghu huwa responsabbli l-Prim Ministru; [3] li kemm il-Prim Ministru, kif ukoll il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati, tharrku bhala intimati peress li dawn hadu decizjoni li jdahhlu r-rekwizit tas-*security clearance* biex inghataw certu promozzjonijiet; u [4] li, ghalhekk l-Prim Ministru ma kellux jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

**L-Appell Incidentali**

10. L-intimati bbazaw l-appell taghhom fuq zewg aggravji: [1] li l-Avukat Generali kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju abbazi ta' dak li jghid l-Artikolu 181B[2] tal-Kap.12; u [2] li l-process mizmum quddiem is-Servizz u quddiem il-Kummissjonarju ma kienx jinvolvi determinazzjoni ta' dritt jew obbligazzjoni civili.

**L-Appell Principali**

*L-ewwel aggravju*

---

[8] Kap.391 – Art.3[1]

11. Ir-rikorrenti jsostnu li kemm is-Servizz kif ukoll il-Kummissjonarju ghandhom jitieqsu bhala “tribunal” jew “awtorita` gudikanti” fit-termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u dan ghaliex: dawn ghandhom is-setgha li jaghtu decizjonijiet li jorbtu; li dawn id-decizjonijiet jistghu jigu attakkati “biss” gudizzjarjament; li d-decizjoni tal-Kummissjonarju tista’ tigi sindikata mill-qrati skont l-Artikolu 124[10] tal-Kostituzzjoni; u li l-qrati dejjem ghandhom il-jedd li jissindikaw l-operat ta’ xi tribunal li minnu ma hemmx dritt tal-appell.

12. Qabel xejn din il-Qorti tosserva li hija opportuna l-osservazzjoni li mhux kull korp jew awtorita` li ghandu jew ghandha s-setgha li taghti decizjoni necessarjament tikkwalifika bhala “tribunal” jew “awtorita` gudikanti” fit-termini tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni, ghax biex dik l-awtorita` tikkwalifika bhala tali jehtieg li jkollha l-attributi ta’ *“tribunal indipendenti u imparzjali imwaqqaf b’ligi”,* kif ukoll ikollha l-funzjoni li taghti decizjoni dwar drittijiet u obbligi civili. Dawn ir-rekwiziti li johorgu mit-termini espressi tal-Artikolu 6, gew imfissra kemm fil-kazistika lokali, bhal fil-kaz ta’ ***Cecil Pace*** citat mill-ewwel Qorti, kif ukoll f’dik tal-Qorti Ewropea.

13. Fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea gie affermat hekk:

“[tribunal] .... is characterized in the substantive sense of the term by its judical function, that is to say determining matters whithin its competence on the basis of rules of law and after proceedings conducted in a prescribed manner... It must also satisfy a series of further requirements – independence in particular of the executive; impartiality; duration of its members’ terms of office; guarantees afforded by its procedure – several of which appear in the text of Article [1] itself.” [***Belilos v Switzerland (***1988) para.64; ***Stojakovic v Austria*****,** 9/11/2006; citati fil-kawza *Q.Kos.* ***Costantino Consiglio et vs Kavallier Joseph Tabone*** *noe*, 11/8/2000].

“In determining whether a body can be considered to be ‘independent’ – notably of the executive and of the parties

to the case – the Court has regard to the manner of appointment of its members and the duration of the terms of office, the existence of guarantees against outside pressures and the question whether the body presents an appearance of independence.” [***Campbell and Fell v UK***[9]*:Appl.7819/77; 7878/77 – 28 Gunju 1984, para.78]]*

“The tribunal must not be subject to instructions in its judicatory role, although it may be compatible for a minister to issue general guidelines...[10] [***Campbell*** para.79]

“The power to give a binding decision which could not be altered by a non-judicial authority[11] was identified as inherent in the guarantees of Article 6 as confirmed by the use of the term ‘determination”. [Karen Reid[12], b’referenza ghall-kaz ***Findlay v. UK*** *Appl.22107/93* – deciz 25 Frar 1997].

“Barra minhekk l-awtorita` ma tridx tkun marbuta jew tqis ruhha marbuta minn xi korp jew persuna ohra mhix gudizzjarja fid-determinazzjoni tal-qofol tal-kwistjoni li titressaq quddiemha .” *ECHR* ***Terra Wongingen vs l-Olanda***, 17/12/1996]

14. Ghaldaqstant ir-referenza maghmula mir-rikorrenti ghar-rimedji alternattivi bhal dak kontemplat fl-Artikolu 469A tal-Kap.12, kif ukoll ghall-kompetenza tal-qrati li jissindikaw l-operat tat-tribunali skont l-Artikolu 124 [10] tal-Kostituzzjoni, hija rrelevanti ghall-finijiet tad-determinazzjoni ta’ jekk korp jew entita` tikkwalifikax bhala “tribunal” jew “awtorita` gudikanti” ghall-finijiet tal-artikoli Kostituzzjonali u Konvenzjonali fuq citati.

15. Fil-mertu, din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti li, kemm is-Servizz, kif ukoll il-Kummissjonarju, m’humiex indipendenti mill-fergha Ezekuttiva tal-iStat, anzi, jwiegbu direttament lill-Ezekuttiv.

---

[9] Appl.7819/77; 7878/77 - 28 Gunju 1984
[10] Ibid.
[11] Sottolinear ta’ din il-Qorti
[12] *A Practioner’s Guide to The European Convention on Human Rights*

Hekk per ezempju, kif espressament stipulat fl-Artikolu 3 tal-Kap.391, is-Servizz qieghed taht l-awtorita` tal-Ministru responsabbli ghaliha, u ma jirrizultax li dan ghandu l-poter li jaghti decizjonijiet li jorbtu, ghandu rwol investigattiv u, fil-kaz ta' talba ghal *security clearance* huwa jaghti rakkomandazzjoni lill-*National Security Acceditation Authority*, u mhux decizjoni. Ghalhekk ma jistax jinghad li dan jaghti *"binding decisions which could not be altered by a non-judicial authority."[supra].*

16. Dan japplika wkoll ghall-funzjoni tal-Kummissjonarju li, minkejja dak stipulat fl-Art.12 [3][b], u cioe` li *"Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu skont dan l-Att, il-Kummissjunarju għandu jaġixxi skont il-ġudizzju individwali tiegħu u ma jkun suġġett għad-direzzjoni jew il-kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra",* izda finalment id-decizjoni finali tispetta lill-Prim Ministru. Hekk is-sub inciz [8] tal-Artikolu precitat jiddisponi li: *"Jekk il-Prim Ministru jidhirlu, wara li jikkonsulta lill-Kummissjunarju, li xi ħaġa tkun tinsab f'rapport tkun ta' preġudizzju għat-tkomplija tat-twettiq tal-funzjonijiet tas-Servizz ta' Sigurtà, il-Prim Ministru jista' jħalli barra dik il-ħaġa millkopja tar-rapport*[13] *kif miġjub quddiem il-Kumitat ta' Sigurtà.*

17. Ghalhekk il-Kummissjonarju m'ghandux bhala parti mill-funzjoni tieghu dik li jaghti decizjoni li torbot, u ma jidhirx li ghandu gurisdizzjoni esklussiva in materja.

18. Illi barra minnhekk, Il-funzjoni kemm tas-Servizz, kif ukoll tal-Kummisjonarju, m'hijiex dik li tiddeciedi tilwimiet bejn partijiet izda hija wahda investigattiva bl-obbligu li jsir rapport lill-Prim Ministru u lil Ministru koncernat.[14] Il-funzjoni tas-Servizzi tas-Sigurta` mhix li tiddetermina l-ezistenza jew estensjoni ta' drittijiet u obbligazzjonijiet civili, izda li tagixxi fl-interess li jigu mharsa s-sigurta` nazzjonali u l-benessere ekonomiku ta' Malta.[15] Ukoll, il-funzjoni tal-Kummissjunarju hija wahda investigattiva, li

[13] Sottolinear ta' din il-qorti
[14] Kap.391 – Art.4[5]; u Art.12 [5]
[15] Art.3 Kap.319

jara jekk is-Servizz jew il-Ministru responsabbli abbuzawx mis-setghat moghtija lilhom mil-ligi.[16]

19. Ghaldaqstant, tenut kont li dawn l-entitatjiet ma jaghtux decizjonijiet li jorbtu, ma jistghux jitqiesu bhala “tribunal” jew “awtorita` gudikanti” fit-termini tal-artikoli Kostituzzjonali u Konvenzjonali fuq indikati, u ghalhekk dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tieni aggravju, it-tielet u r-raba’ aggravji tal-appell principali, u l-ewwel aggravju tal-appell incidentali*

20. Dawn l-aggravji ser jigu trattati flimkien peress li huma konnessi in kwantu jirrigwardaw l-istess punt legali, u cioe` il-legittimazzjoni passiva tal-intimati Prim Ministru, Kummissjonarju u Kap tal-Forzi Armati.

21. Ir-rikorrenti jsostnu li ma kienx hemm bzonn li jitharrek il-Kummissjonarju peress li ghall-pozizzjoni tieghu huwa responsabbli l-Prim Ministru li ghalih huwa ghandu jrrapporta, filwaqt li t-tahrika tal-Prim Ministru u tal-Kap tal-Forzi Armati bhala intimati kienet necessarja peress li dawn hadu d-decizjoni li jintroducu ir-rekwizit tas-*security clearance* biex jinghataw certu promozzjonijiet fl-Armata, u ghalhekk dawn ma kellhomx jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

22. Min-naha tieghu l-Avukat Generali fl-aggravju tieghu jghid li l-ewwel Qorti ma kellhiex tikkonsidrah bhala legittimu kuntradittur peress li, b’applikazzjoni tal-Artikolu 181B tal-Kap.12, ir-rapprezentanza tal-gvern hija primarjament vestita fil-Kap tad-Dipartiment inkarigat bil-materja in kwistjoni, filwaqt li r-rapprezentanza tal-gvern mill-Avukat Generali hija wahda residwali, u cioe` meta ma taqax fil-parametri ta-sub inciz [1]. Ghalhekk il-prezenza tieghu f’kawza hija mehtiega biss meta ma jkunx jista’ jigi identifikat min huwa responsabbli biex iwiegeb ghat-tilwim f’isem il-Gvern.

23. Dan l-intimat jispjega:

---

[16] Art.12- Ibid

"... ir-*ratio legis* wara l-Artikolu 181B huwa li l-Gvern f'azzjonijiet gudizzjarji ma jigix rapprezentat minn pluralita` ta' persuni jew entitajiet izda minn persuna jew minn entita` wahda biss. Dan gie mnizzel fil-ligi sabiex tigi riflessa kemm l-unitarjeta` tal-Gvern kif ukoll biex anke ma jigux inkorsi spejjez gudizzjarji multeplici u inutili bil-prezenza ta' numru ta' mharrkin diversi li wara kollox ikun qeghdin jirrapprezentaw lill-istess persuna, f'dan il-kaz il-Gvern."

24. Fil-mertu dan l-intimat jghid li mill-aspett fattwali l-Avukat Generali ma kellu l-ebda sehem fil-kwistjoni marbuta mar-rifjut tac-certifikat tas-*security clearance*. L-ilment tar-rikorrenti kien cirkoskritt lejn id-decizjonijiet u l-mod ta' kif imxew maghhom is-Servizz u l-Kummissjonarju, u ghalhekk ir-rikorrenti setghu facilment ressqu l-azzjoni odjerna kontra dawn l-entitatjiet.

25. Fir-rigward ta' dan l-aggravju tal-Avukat Generali, din il-Qorti tosserva li dan hu dirett lejn ic-cahda mill-ewwel Qorti tal-eccezzjoni tieghu li hu ma kienx il-legittimu kontradittur sabiex iwiegeb ghall-ilmenti tar-rikorrenti fil-kawza odjerna. Din ic-cahda, ghalkemm ma tinstabx espressament indikata fil-parti dispozittiva tas-sentenza, tirrizulta mill-korp tas-sentenza u mill-fatt li l-ewwel Qorti ma lliberatx lil dan l-intimat mill-osservanza tal-gudizzju.

26. Rigward il-persuni li gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju, jigi osservat li fis-succint ir-rwol taghhom, referribbilment ghall-kwistjoni in ezami, kien dan: il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati jinnomina dawk il-membri fl-armata li jehtigilhom certifikat tas-*security clearance*, filwaqt li l-Prim Ministru jircievi r-rapport kontenenti d-decizjoni tal-Kummissjsonarju.

27. Illi l-ilment tar-rikorrenti huwa li meta l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati nnominahom bhala persuni li jehtiegu dan ic-certifikat, dawn ma nghatawx l-opportunita` li jisemmghu lehenhom. Jilmentaw ukoll, li lanqas quddiem is-Servizz u quddiem il-Kummissjonarju ma nghataw l-opportunita` li jghidu l-parti taghhom, kif ukoll ma nghatawx ragunijiet ghad-decizjoni ta' dawn tal-ahhar.

28. L-Artikolu 181B fil-parti rilevanti tieghu jghid hekk:
**“..** (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:.... *omissis..”*

29. Issa ma hemmx dubju li kemm il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati, kif ukoll il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta\` jikkwalifikaw bhala kapijiet tad-dipartiment li kellhom x’jaqsmu fil-*“materja in kwistjoni”*: tal-ewwel billi nnomina lir-rikorrenti ghall-investigazzjoni dwar is-*security clearance* da parti tas-Servizz, u tal-ahhar bl-investigazzjoni tramite n-*National Security Authority* ta’ dawn l-istess persuni. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax taqbel mal-ewwel Qorti li l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati m’ghandux legittimazzjoni passiva.

30. Jibqa’ ghalhekk biex jigi kkunsidrat jekk il-Prim Ministru kellux jitharrek fil-proceduri odjerni bhala Kap tad-Dipartiment fir-rigward tal-operat tal-Kummissjonarju. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li, ghalkemm id-decizjoni tal-Kummissjonarju ma torbotx lill-Prim Ministru, izda mil-ligi johrog car li l-Kummissjunrarju fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu *“...ma jkun suġġett għad-direzzjoni jew il-kontroll ta’ ebda persuna jew awtorità oħra”*[17]*.* Inoltre, l-Artikolu 13[2] jghid li “*id-deċiżjonijiet tal-Kummissjunarju skont l-Iskeda 1 li tinsab ma’ dan l-Att ma għandhom ikunu appellabbli jew sindakabbli minn ebda Qorti.”*

31. In kwantu ghas-sottomissjoni maghmula mir-rikorrenti biex jiggustifikaw il-prezenza tal-Prim Ministru bhala wiehed mill-intimati, u cioe\` li dan huwa responsabbli ghall-“pozizzjoni” tal-Kummissjonarju, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gie osservat minnha fil-kawza **Abdul Hakim Hassan Abdulle v. Ministru tal-Gustizzja u intern** deciza fit-28 ta’ Gunju 2012, u cioe\` li, ghalkemm f’dak il-kaz id-dekasteru tal-pulizija kien jaqa’ fil-mansjonijiet tal-Ministru tal-Gustizzja u intern *“izda minkejja dan il-ligi trid li fl-azzjoni relevanti l-Gvern ghandu jkun rapprezentat minn hadd izjed hlief mill-kap tad-*

[17] Kap.391 – Art.12 [3][b]

*dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat mill-materja inkwistjoni, u f'dik il-kawza dan kien il-Kummissarju tal-Pulizija...[para.24]"*

32. Ghalhekk kienet korretta l-ewwel Qorti meta qieset li l-Prim Ministru ma kienx legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri, ghax imbilli l-Kummissjonarju jaqa' fir-responsabblita` tal-Prim Ministru ma jfissirx b'daqshekk li allura dan tal-ahhar ghandu jinzamm responsabbli ghall-operat tieghu. Altrimenti, kif tajjeb sottomess mill-intimati, li jekk Ministru jew Prim Ministru ghandu dejjem jigi mdahhal f'kull kawza li tinvolvi d-dipartiment li jaqa' fid-dekasteru tieghu, allura r-*ratio legis* tal-Artikolu 181B jigi stultifikat.

33. Inoltre, tenut kont tal-funzjoni tal-Kummissjonarju kif tohrog mill-ligi, u tenut kont li dan, fil-funzjonijiet tieghu, ma jaqa' taht ebda kap ta' dipartiment, fil-kaz odjern huwa l-Avukat Generali li ghandu l-legittimazzjoni passiva biex jirrapprezenta lill-Gvern. Ghalhekk anke f'dan ir-rigward l-ewwel Qorti kienet korretta.

34. Taht dan l-aggravju r-rikorrenti ressqu lment li kien izjed jirreferi ghall-ewwel aggravju. Huma jesprimu dan l-ilment billi jsostnu li, ladarba l-Prim Ministru u l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati *"arbitrarjament"* iddecidew li jestendu d-direttiva tal-Unjoni Ewropea [2001/264] ghall-promozzjonijiet fl-Armata, *"aktar u aktar kellhom obbligu li ghal menu jibghatu ghall-persuni li kienu ser jigu affettwati sabiex ghal menu jinghataw l-opportunita` jesprimu d-difiza u l-opinjoni taghhom."*

35. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li, fl-ewwel lok, it-terminu *"arbitrarjament"* uzat mir-rikorrent huwa gratuwitu, u ghandu jidher car li din id-decizjoni, taqbel jew ma taqbilx maghha, ittiehdet fl-interess nazzjonali biex tizgura l-affidabbilita` tal-persuni li minhabba l-kariga taghhom ikollhom access ghal informazzjoni sensittiva relatata mas-sigurta` nazzjonali. Fit-tieni lok, din kienet decizjoni purament amministrattiva u ma kienet timporta ebda obbligu, fit-termini tal-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni, da parti ta' min ha din id-decizjoni li jisma'

*“d-difiza u l-opinjoni”* tal-persuni li kienu ser ikunu milqugha biha. Fi kliem iehor, dan l-ilment jezorbita mill-parametri gudizzjarji tal-azzjoni odjerna.

36. Ghaldaqstant t-tielet aggravju tal-appell principali qed jigi meqjus bhala parzjalment fondat, limitatament ghall-Kap Kmandant tal-Forzi Armati, filwaqt li l-ewwel aggravju tal-appell incidentali qed jigi michud.

**<u>L-Appell Incidentali</u>**

*It-tieni aggravju*

37. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta fil-konsiderazzjonijiet taghha qieset li r-rifjut tal-hrug tac-certifikat kien jolqot id-drittijiet civili fis-sens tal-artikoli Kostituzzjonali u Konvenzjonali fuq citati.

38. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li dan l-aggravju huwa inammissibbli inkwantu jirreferi ghall-motivazzjoni tas-sentenza u mhux ghal xi parti mill-parti dispozittiva tas-sentenza.[18] In fatti, l-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

39. Ghaldaqstant mhux il-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha fuq dan l-aggravju.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant l-appell principali tar-rikorrenti qed jigi milqugh <u>limitatament</u> fis-sens li s-sentenza appellata tigi revokata in kwantu lliberat lill-Kap Kmandant tal-Forzi Armati mill-osservanza tal-gudizzju, u michud ghall-kumplament; u tikkonferma s-sentenza appellata ghall-bqija.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tat-tieni istanza jigu sopportati in kwantu ghall-appell

[18] Vide App.Inf. Andrew Pace vs Unscheduled Bus Service, deciz 15 Dicembru 2003

principali mir-rikorrenti u dawk tal-appell incidentali mill-intimat Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------